MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 374/1997/1

***Is-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Limited, u l-Avukat Dr. Evelyn Caruana Demajo bhala prokuratur f' isem is-socjeta' estera Katholisches Ferienwerk Köln***
***vs***
***Joe Grima u s-socjeta' Bon Tours Travel Limited***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li pprmettew: illi huma s-socjetajiet attrici kellhom ftehim bejniethom li permezz tieghu s-socjeta' *Katholisches Ferienwerk Köln* kienet tibghat turisti lejn Malta sabiex ikunu akkommodati fil-lukandi tas-socjeta' attrici l-ohra *Corinthia Palace Hotel Company Limited*;

Illi l-hlas dovut lis-socjeta' *Corinthia Palace Hotel Company Limited* ghal din l-akkomazzjoni kien isir billi s-

socjeta' *Katholisches Ferienwerk Köln* kienet tibghat il-flus lill-*managing director* tas-socjeta' konvenuta *Bon Tours Travel Limited*, il-konvenut Joe Grima, sabiex dan ighaddi dawn il-flus lill-*Corinthia Palace Hotel Company Limited*;

Illi l-istess konvenut Joe Grima *proprio et nomine* kien ircieva minghand *Katholisches Ferienwerk Köln* flus sabiex minnhom ighaddi s-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u erbgha u tletin lira ta' Malta (Lm 12,934) bi hlas lill-*Corinthia Palace Hotel Company Limited*, izda minflok ghamel hekk zamm dawn il-flus u approprjahom ghalih jew ghal persuni ohra;

Illi minhabba dan l-agir illecitu ta' approprjazzjoni indebita maghmul mill-konvenut Joe Grima, is-socjetajiet attrici sofrew danni: *Corinthia Palace Hotel Company Limited* ghax ma rcevietx il-hlas lilha dovuti; u *Katholisches Ferienwerk Köln* ghax ma nghatax kwittanza tal-hlas li ghamlet;

Illi l-agir ta' l-istess konvenut kien doluz, u ghalhekk ir-responsabbilita' tieghu personali hija *in solidum* mar-responsabbilita' tas-socjeta' minnu rapprezentata;

Illi s-socjetajiet attrici ghalhekk ghandhom jiehdu lura din is-somma minghand il-konvenut *proprio et nomine* sabiex ikunu jistghu jirregolaw il-kontijiet bejniethom;

**Talbu** li l-konvenut proprio et nomine jghid ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkikjara li l-konvenut Joe Grima *proprio* huwa responsabbli *in solidum* mas-socjeta' *Bon Tours Travel Limited* minhabba agir doluz ta' approprjazjoni indebita ta' flus tas-socjetajiet attrici;
2. Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine*, *in solidum* sabiex ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u erbgha u tletin lira ta' Malta (Lm 12,934) flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data meta Joe Grima rcieva u approprja ruhu indebitament minn dawn il-flus;

Bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandi kawtelatorji u ta’ l-ittri ufficjali tad-9 ta’ Settembru 1993 u tas-17 ta’ Gunju 1996, kontra l-konvenuti li huma msejhin ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Grima proprio li biha eccepixxa, inter alia, *“Il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikoli 2147[b], 2153 u 2156[f] tal-Kodici Civli”*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Joseph Grima proprio, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Anthony Valvo fil-kwalita’ tieghu ta’ stralcjarju ta-socjeta’ Bon Tours Travel Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-istess, li biha eccepixxa *inter alia, “Il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikoli 2147[b], 2153 u 2156[f] tal-Kodici Civli”*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ dan il-konvenut nomine, u l-lista tax-xhieda;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat, limitatament ghal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi fin-noti taghhom, iz-zewg konvenuti eccepew l-preskrizzjonijiet estintivi kontemplati fl-Artikoli 2147[b], 2153, 2156[f] tal-Kap.16, li jikkontemplaw rispettivament termini preskrittivi ta’ sena, sentejn u hames snin.

Illi in tema legali l-Qorti tosserva li ghall-kaz in disamina japplikaw is-segwenti principji legali:

1. Illi konformament mal-principju li min jallega jrid jipprova – *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* - huwa l-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni li ghandu l-oneru li jipprova d-dekorriment tal-perijodu preskrittiv stipulat; izda, minn naha l-ohra, appena l-konvenut jssodisfa dan ir-rekwizit, allura l-oneru li jipprova l-interruzzjoni ta' din il-preskrizzjoni tirrisjedi fuq l-attur li jallega dan il-fatt;

2. Illi "ghal fini tad-determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli, wiehed ghandu jhares lejn in-natura tal-azzjoni li qed tigi esperita … hi din l-azzjoni kif arginata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet taghha li kienet tidditermina liema kien it-terminu preskrittiv applikabbli*."[App.C.* ***Joseph Bowman noe vs Emanuel Cachia et noe****[1998] Vol.LXXXII.II.1194];*

3. Illi "l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu bejn tlett forom ta' danni: dawk li jigu minn reat, f' liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali; dawk li jigu minn fatti li mhumiex reati u lanqas ma huma inadempjenza kontrattwali, f' liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn; u fl-ahharnett dawk id-danni li jidderivaw minn inadempjenza kuntrattwali f' liema kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-istess obbligazzjoni" *[**PA Angelo Spiteri vs Consiglio Busuttil** [1983] Vol.LXVII.III.193 vide kazistika hemm citata];*

4. Illi mill-illecitu ma jista' jitnissel ebda fondament ta' dritt.

Illi mill-att tac-citazzjoni jirrizulta car li l-azzjoni proposta mill-atturi mhijex wahda diretta ghall-hlas ta' kreditu semplici konsistenti f' somma ta' flus dovuta ghall-servizz moghti, imma hija azzjoni ghad-danni derivanti minn fatt kriminuz, cioe' approprijazzjoni indebitu, allegatament kommess mill-konvenut. Ghaldaqstant la hi applikabbli l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2147 [b] u lanqas dik kontemplata fl-artikolu 2153 tal-kap.16.

Illi fil-fehma tal-Qorti, f' dan il-kaz lanqas hi applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156[f], izda piuttost dik kontemplata fl-Artikolu 2154 [1], li ma

pero’ gietx sollevata mill-konvenuti izda mill-atturi, u li tikkontempla l-azzjoni ghad-danni derivanti minn reat, f’ dan il-kaz dak ta’ approprijazzjoni indebita li fil-forma aggravata tieghu jgorr piena massima ta’ sena u allura l-perijodu preskrittiv huwa dak ta’ hames snin.[1]

Illi fl-att tac-citazzjoni l-atturi indikaw li saru zewg ittri ufficjali in konnessjoni mal-pretensjoni taghhom: wahda datata 9 ta’ Settemrbu 1993 u l-ohra datata 17 ta’ Gunju 1996, li jinsabu prezentati man-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, u li gew notifikati lill-intimati [konvenuti] rispettivament fil-11ta’ Settembru 1993 u fil-11 ta’ Settembru 1996.[2]

Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li z-zewg c-cheques[3] mahruga mis-socjeta’ attrici Katholisches Ferienwerk Koln lis-socjeta’ konvenuta Bon Tours Travel Ltd. huma datati 7 u 20 ta’ Dicembru 1989 rispettivament, u tenut kont ukoll li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-20 ta’ Ottubru 1997, jirrizulta car li l-perijodu preskrittiv gie interrott, bir-rizultat li ma lahqitx iddekorriet il-preskrizzjoni kwinkwennali.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonsidera r-raba eccezzjoni tal-konvenut Joe Grima proprio, u s-sitt eccezzjoni tas-socjeta’ Bon Tours Travel Limited, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u tirrespingihom, bl-ispejjez; u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza wara li dan il-gudizzju jghaddi in gudikat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Art.294, 688(d) Kap.9
[2] Dok.Itt1, Itt2.
[3] Fol.7